# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors numru 1024/2023**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru 1338/2023 fl-ismijiet:-**

**Sascha Babitsch [Passaport Awstrijakk Numru U4423948] debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu, l-Avukat Dr. Sarah Sultana (K.I. 0012581M)**

**vs**

**Leovegas Gaming plc**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Leovegas Gaming plc tas-7 ta' Settembru 2023;

Rat ir-risposta ta' Sascha Babitsch ta' l-20 ta' Ottubru 2023;

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura;

Rat li r-rikors tħalla' għal digriet in kamera.

Il-Qorti eżaminat kemm ir-rikors tar-rikorrenti u anke ir-risposta tal-intimat. Dan tal-aħħar jaqbel li filwaqt li għandu jiġi kkonfermat il-mandat ta' sekwestru 1338/2023, għandu pero' jibqa' jiġi ikkunsidrat bħala wieħed eżekuttiv u jaqbel

ukoll li l-effetti tiegħu għandhom jiġu sospiżi fis-sens li l-intimat ma jkunx jista' jiżbanka kwalsiasi ammont depożitat fil-Qorti sakemm ikun hemm eżitu finali fil-proċeduri 1022/2023AB jew sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor bejn il-partijiet.

Il-Qorti qieset li dan jaqbel ma dak li qegħdha titlob ir-rikorrenti. Dan huwa kompatibbli ħafna ma' dak li jrid ir-Regolament in kwistjoni in via kawtelatorju. Dan għaliex dawn il-proċeduri huma maħsuba li jikkonġelaw l-effetti esekuttivi ta' mandati ta' din ix-xorta sabiex qabel ma jiġu determinati proċeduri oħrajn skond ir-Regolament, kull ammont depożitat jew li ser jiġi depożitat minn xi sekwestratarju jibqa' hekk depożitat pendenti l-proċeduri l-oħrajn.

Iqum il-punt l-ieħor jekk bil-proċedura taħt ir-regolament 1215/2012, hux possibli issir talba bħal din. Ir-regolament 44 jipprospetta tlett sitwazzjonijiet ta' x'jistgħu jagħmlu l-Qrati fejn tkun qed tintalab l-esekuzzjoni u dawn huma s-segwenti:

(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtelatorji;

(b) tissoġġetta l-eżekuzzjoni għall-għoti ta' garanzija li hi tistabbilixxi; jew

(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom. (Emfażi tal-Qorti)

Issa l-Qorti qed tifhem, li jekk qatt it-tieni talba hija fondata fuq it-tielet possibilita' fuq imsemmija, iċ-ċavetta għar-risposta hija l-kelma tissospendi b'referenza għall-proċedimenti u mhux għal xi proċediment partikulari. Dan ifisser, li r-

referenza hija għal diversi proċedimenti li qegħdin isiru.  F’dan il-każ hemm żewġ proċedimenti: is-Sentenza tal-Qorti Awstrijaka u l-mandat esekuttiv. Għalhekk żgur ma hux il-każ, li dak li qiegħed jintalab fit-tieni talba, huwa previst li jista’ jsir bir-regolament.

Biex dan isir, irid ikun hemm xi proċedura ekwivalenti għal dawk il-mandati maħruġa lokalment.  Ir-regolament ma jidhirx li jipprovdi għal rimedju bħal dak taħt artikolu 836 (1)(f) li jiddisponi b’mod ċar li mandat kawtelatorju jista’ jkun modifikat jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minn u jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.  Għalhekk sakemm ir-regolament ma jipprovdix b’mod ċar, ma hiex fil-kompetenza ta’ din il-Qorti li tagħti effetti tar-regolament li ma jidhirx li kien maħsub għalihom.  Għalhekk għandu raġun ir-rikorrent b’dak li jissottometti fil-paragrafi 8 u 10 tar-risposta tiegħu.

**Provvediment**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi din il-vertenza bil-mod segwenti:

Tilqa’ l-ewwel talba b’dana li l-mandat mhux qiegħed ikun limitat u għandu jibqa’ kkunsidrat bħala wieħed eżekuttiv;

Tilqa’ t-tieni talba u dan billi tissospendi l-eżekuzzjoni tal-istess mandat sakemm jiġu determinati l-proċeduri inizjati bis-saħħa tar-rikors numru 1022/2023AB fl-ismijiet inversi.

Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.

**Imħallef Toni Abela**

**Illum 16 ta' Jannar 2024**